



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.9.2011
KUMM(2011) 579 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni bi
qbil mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni
finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2011/001 AT/Niederösterreich-Oberösterreich
mill-Awstrija)**

{SEG(2011) 1080 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fit-3 ta' Jannar 2011, l-Awstrija ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2011/001 AT/Niederösterreich-Oberösterreich għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'706 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 49 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' katusi")³ fir-reġjuni NUTS II ta' Niederösterreich (AT12) u Oberösterreich (AT31) fl-Awstrija.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta essenzjali:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2011/001
Stat Membru	L-Awstrija
Artikolu 2	(b)
Intrapriżi kkonċernati	706
Reġjuni NUTS II	Niederösterreich (AT12) Oberösterreich (AT31)
Diviżjoni NACE Reviżjoni 2	49 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' katusi")
Perjodu ta' referenza	1.2.2010 – 31.10.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1.2.2011
Data tal-applikazzjoni	3.1.2011
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	2 338
Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma identifikati għall-għajnuna	502
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	5 390 800
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	215 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	3,84
Baġit totali (EUR)	5 605 800
Kontribut tal-FEG (65 %) (EUR)	3 643 770

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁴ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-3 ta' Jannar 2011 u ssupplimentata b'taġħrif addizzjonali sad-9 ta' Ġunju 2011.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jintuża l-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Biex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-Awstrija ssostni li l-kriżi permezz tal-impatt taġġha fuq l-imġiba tal-konsumatur Ewropew u l-produzzjoni mnaqqa tal-prodotti ħalliet impatt partikolarment qawwi fuq is-settur tat-trasport li wasal tard meta mqabbel mal-industriji ewlenin tas-settur sekondarju. L-applikazzjoni tikkwota sħarriġ mill-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Toroq⁵ (IRU) f'74 pajjiż membru tal-IRU li skonthom, minħabba l-kriżi, it-trasport tal-merkanzija naqas fl-ewwel sitt xhur tal-2009 b'medja ta' 10-20 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u n-negozju tat-trasport internazzjonali naqas b'20-30 %. Fl-istudju ssemmeit ukoll iż-żieda fil-fallimenti ta' tal-inqas 20%.
4. Skont l-Assoċjazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija tal-Kamra Ekonomika Awstrijaka (Fachverband Güterbeförderungsgewerbe der Wirtschaftskammer Österreich), in-negozju tat-trasport tal-merkanzija fl-Awstrija soffra minn tnaqqis ta' 30-50 % f'Lulju 2009. Għat-trakkijiet b'piż totali awtorizzati ta' iktar minn 3,5 tonnelli, it-traffiku naqas fl-ewwel nofs tal-2009 bi 17 % meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Dawn ix-xejriet neżlin komplew fl-2010 b'riżultat li ħafna negozji Awstrijaċi tat-trasport bit-toroq kellhom ikeċċu l-ħaddiema.
5. Il-kumpaniji tat-trasport żgħar jew żgħar ħafna, li spiss jaħdmu bħala subkuntratturi għal aġenti kbar li jgħaddulhom ix-xogħol, intlaqtu partikolarment minn dawn l-iżviluppi. Dawn mhumiex f'pożizzjoni li jilqgħu kriżijiet severi permezz ta' strumenti ta' ġestjoni li jkollhom kumpaniji ikbar, bħal skemi ta' xogħol għal żmien qasir jew miżuri oħra li jżidu l-effiċjenza fl-infiq.

Turiya tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)

6. L-Awstrija ppreżentat din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm minn tal-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.
7. L-applikazzjoni tindika 2 338 sensja f'706 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 49 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' katusi")⁶ fir-reġjuni NUTS II ta' Niederösterreich (AT12) and Oberösterreich (AT31) matul id-

⁵ www.iru.org

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

disa' xhur perjodu ta' referenza mill-1 ta' Frar 2010 sal-31 ta' Ottubru 2010. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkulati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

8. L-awtoritajiet Awstrijaċi jsostnu li l-kriżi globali bl-impatt tagħha fuq is-setturi industrijali ewlenin kollha, li rriflettiet direttament fuq is-settur tat-trasport, ma setgħetx titbassar. L-irkupru ekonomiku ma ġiex malajr daqs kemm wieħed kien jittama, u l-impatt qawwi u tard fuq is-settur tat-trasport bl-għadd sostanzjali ta' sensji ġie bħala sorpriża.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema identifikati għall-għajnuna

9. L-applikazzjoni tikkonċerna 2 338 sensja f'706 intrapriża matul id-disa' xhur tal-perjodu ta' referenza li minnhom 502 ħaddiem (21,5 %) huma identifikati għall-għajnuna.
10. Fil-mira hemm dawk il-ħaddiema li ma setgħux isibu xogħol ġdid malajr minħabba nuqqas ta' kwalifiki. Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi, il-ħaddiema mkeċċija li jifdal irnexxielhom jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Għall-ħaddiema fil-mira ġiet stabbilita "miżura tat-tip ta' fondazzjoni" ("Stiftungsähnliche Maßnahme"⁷) li hija struttura simili għall-fondazzjonijiet tax-xogħol Awstrijaki u li għandha l-għan li ttejjeb il-pożizzjoni ta' min qed ifittex ix-xogħol, u b'mod partikolari dawk b'inqas ċansijiet fis-suq tax-xogħol, bħal dak li ilhom qiegħda għal żmien twil jew dawk b'inqas ħiliet.
11. Il-lista sħiħa ta' intrapriżi koperti mill-applikazzjoni EGF/2011/001 AT/Niederösterreich-Oberösterreich mill-Awstrija tissemma fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-Proposta⁸.
12. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irgħiel	431	85,9
Nisa	71	14,1
Ċittadini tal-UE	396	78,9
Ċittadini mhux tal-UE	106	21,1
Minn 15 sa 24 sena	77	15,3
Minn 25 sa 54 sena	387	77,1
Minn 55 sa 64 sena	38	7,6
> 64 sena	0	0,0

13. Fost il-ħaddiema identifikati hemm 51 ħaddiem li għandhom diżabilitajiet jew problemi tas-saħħa fit-tul.
14. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, il-ħaddiema identifikati huma kollha sewwieqa tat-trakkijiet.

⁷ "Stiftungsähnliche Maßnahmen" huma bbażati fuq l-Arbeitsmarktförderungsgesetz Awstrijaka (AMFG; L-Att dwar il-Promozzjoni tas-Suq tax-Xogħol).

⁸ SEC(2011)1080.

15. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-Awstrija kkonfermat li ġiet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' ebda diskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess għall-FEG.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

16. It-territorji milqutin mis-sensji huma r-Reġjun ta' Niederösterreich (AT12) u r-Reġjun ta' Oberösterreich (AT31), tnejn mid-disa' provinċji federali tal-Awstrija. Iż-żewġ provinċji jagħmlu parti mir-reġjuni industrijali fl-Awstrija, flimkien ma' Steiermark u Vorarlberg. Niederösterreich hija l-ikbar provinċja federali tal-Awstrija li tinsab madwar Vjenna, il-kapitali Awstrijaka. Hija tinsab fruntiera mar-Repubblika Ċeka u mas-Slovakkja, u l-kapitali provinċjali hija Sankt Pölten. Oberösterreich, it-tielet l-ikbar provinċja tal-Awstrija f'termini ta' popolazzjoni, tinsab fruntiera mal-Ġermanja u mar-Repubblika Ċeka, u l-kapitali provinċjali tagħha hija Linz.
17. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-gvernijiet provinċjali ta' Niederösterreich u Oberösterreich, is-servizzi reġjonali tal-impjiegi pubbliċi (regionale Geschäftsstellen des Arbeitsmarktservice/AMS) taż-żewġ provinċji, u għall-imsieħba soċjali, il-Kamra tax-Xogħol Awstrijaka (Arbeiterkammer Österreich; fuq in-naħa tal-ħaddiema) u l-Kamra Ekonomika Awstrijaka (Wirtschaftskammer Österreich; fuq in-naħa ta' min iħaddem).

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

18. L-Awstrija sostniet li t-tkeċċija ta' 2 338 sewwieq tat-trakkijiet tul perjodu ta' disa' xhur huwa sinjal allarmanti għas-swieq tax-xogħol taż-żewġ provinċji kkonċernati peress li s-suq tax-xogħol ma joffrix biżżejjed alternattivi ta' impjiegi għas-sewwieqa tat-trakkijiet imkeċċija. Trasferiment ta' dan il-grupp speċifiku ta' nies lejn setturi oħra jista' jsir biss permezz ta' miżuri sostanzjali ta' taħriġ mill-ġdid.
19. Ir-rata ta' qgħad tal-2009 fiż-żewġ reġjuni kkonċernati baqgħu taħt il-medja nazzjonali jew kemm kemm fuqha (Oberösterreich 4,9 % u Niederösterreich 7,3 % meta mqabbla ma' 7,2 % fil-pajjiż kollu). Madankollu, fl-2009 ż-żewġ provinċji rreġistraw żieda qawwija fil-qgħad meta mqabbla mas-sena ta' qabel. +24,5 % f'Niederösterreich u +39,7 % f'Oberösterreich, meta mqabbla ma' żieda iktar baxxa ta' +22,6 % fl-Awstrija kollha (ċifri medji fis-sena, skont il-Kamra Ekonomika Awstrijaka, Statistik Austria u AMS Oberösterreich).
20. Iktar min-nofs (54,5 %) tal-2 338 sensja li huma t-tema ta' din l-applikazzjoni seħħew f'Niederösterreich (1 274 ħaddiem fi 384 kumpanija) u aktar minn 45,5 % tas-sensji (1 064 ħaddiem fi 322 kumpanija) seħħew f'Oberösterreich. Styria kienet affettwata wkoll minn każ ieħor ta' sensji bil-massa li ntbagħtet applikazzjoni tal-FEG lill-Kummissjoni dwaru. EGF/2010/007 AT/Steiermark u Niederösterreich (704 sensji fis-settur tal-metall fl-2009).

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

21. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-502 ħaddiem fis-suq tax-xogħol. Dawn se jiġu pprovduti lill-ħaddiema permezz ta' struttura "tat-tip ta' fondazzjoni" li kienet stabbilita f'Jannar 2011 wara approvazzjoni mill-Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz (il-ministeru federali). Il-FAB⁹ u l-AGAN¹⁰, li huma organizzazzjonijiet speċjalizzati biex joffru appoġġ għal integrazzjoni professjonali mill-ġdid u fil-kwaliki sostenibbli għall-ħaddiema, huma responsabbli għat-twassil tal-miżuri personalizzati f'Oberösterreich u f'Niederösterreich rispettivament.
22. Il-miżuri għall-502 ħaddiem fil-mira saru bi qbil mas-servizzi tal-impjiegji pubbliċi ("AMS, Arbeitsmarktservice") ta' Niederösterreich u Oberösterreich li jikkontrollaw ukoll dawn il-miżuri filwaqt li jivvalutaw kemm kull miżura hija utli għas-suq tax-xogħol u jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli stabbiliti ("Projektordnung") u s-settijiet applikabbli tal-liġijiet. L-iżvilupp tal-ħaddiema individwali huwa mmonitorjat biex ikun żgurat li l-pjanijiet li kien hemm qbil dwarhom fil-fażijiet inizjali tal-programm ikunu segwiti. B'konformità ma' § 18 tal-Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG) u skont il-mudell tal-ħin tax-xogħol li kull persuna kien ikollha f'xogħolha qabel, il-ħaddiema jridu jinvolvu ruħhom full-time (inklużi l-ħinijiet ta' taġħlim). Il-korpi ta' implimentazzjoni daħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa (listi ta' ħinijiet).
- Tagħrif u ammissjoni fl-istruttura "tat-tip ta' fondazzjoni": Tagħrif ġenerali permezz ta' kanali speċifiċi u b'kooperazzjoni maż-żewġ AMS u l-korpi tal-attwazzjoni, il-FAB u l-AGAN (proporzjon min iħarreġ/ħaddiem 1:10 jew sessjonijiet individwali fejn ikun hemm bżonn) u possibiltà għall-ħaddiema li japplikaw għall-ammissjoni għall-istruttura "tat-tip ta' fondazzjoni".
 - Orientazzjoni lejn xogħol: Din tinkludi l-iżvilupp ta' prospettivi tal-karriera u pjan individwali għat-triq lejn impjieg iffirmati mill-partijiet u li tiffirma l-bażi għall-attivitajiet sussegwenti tal-ħaddiema fl-istruttura tat-tip ta' fondazzjoni (proporzjon min iħarreġ/ħaddiem 1:12 jew sessjonijiet individwali fejn ikun hemm bżonn). It-tul ta' żmien huwa limitat għal sitt ġimgħat bil-possibiltà li jkun estiż għal massimu ta' 12-il ġimgħa f'każijiet partikolari. Tagħrif bażiku dwar l-intraprenditorjat u apprendistati ta' ġimgħa f'intrapriżi (għal prova) huma inklużi fil-programm ukoll.
 - Taħriġ individwali: Dan jista' jkopri titjib fil-ħiliet tal-għerf eżistenti tal-ħaddiema kif ukoll taħriġ vokazzjonali bi tħejjija għal bidla fil-karriera. Għal dan jitqiesu l-utilità tat-taħriġ għas-suq tax-xogħol u l-profil tal-postijiet battala. Dawk li jixtiequ jkomplu jaħdmu bħala sewwieqa tat-trakkijiet jistgħu jtejbu ħiliethom b'konformità mad-Direttiva 2003/59/KE li l-għan tagħha hu t-twaqqif ta' standard

⁹ www.fab.at

¹⁰ www.agannoe.at

mal-Unjoni kollha għal kwalifika ta' sewwieq inizjali u taħriġ perijodiku f'oqsma bħas-saħħa, il-vetturi u s-sikurezza ambjentali, sewqan razzjonali u loġistika.

Parti mit-taħriġ vokazzjonali ma hemmx bżonn li jiġi kkofinanzjat mill-FEG għaliex huwa mogħti b'xejn fis-sistema edukattiva Awstrijaka. Min hu interessat li joħloq negozju għalih għandu l-possibilità li jieħu sehem fil-Programm tal-Fondazzjoni ta' Intrapriża (Unternehmensgründungsprogramm für Arbeitslose, UGP) tal-Arbeitsmarktservice li huwa ffinanzjat barra mill-FEG. Qabel ma jidħol f'dan il-programm speċifiku tal-AMS, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem fil-FEG tintemm.

- Apprendistati Korporattivi (Betriebliche Praktika): Dan ikopri erba' tipi differenti ta' apprendistati, b'dewmien, drittijiet u obbligi differenti għall-intrapriżi u l-ħaddiema li jrid ikun hemm qbil dwarhom mill-AMS qabel ma jkunu stipulati f'kuntratti.
 - Tiftix attiv għax-xogħol: Dan huwa pprovdut mill-korpi ta' implimentazzjoni FAB u AGAN b'kooperazzjoni mal-AMS rispettivi. It-tiftix attiv għal impjieg jista' jew jibda direttament wara l-fażi ta' orjentazzjoni jew mat-tlestija tal-pjan ta' taħriġ individwali. Id-dewmien normali ta' din il-miżura huwa limitat għal 14-il ġimgħa, li jiġġeddu għal 28 ġimgħa f'każijiet partikolari (eż. għal parteċipanti ta' l fuq minn 50 sena). Offerti għal impjieg i raġjonevoli mill-AMS għandhom jiġu aċċettati mill-parteċipanti waqt il-fażi ta' tiftix attiv għax-xogħol.
 - Allokazzjoni għat-taħriġ: Din l-alkokazzjoni titħallas lill-ħaddiema li jintrabtu li jieħdu sehem f'taħriġ li jaqbeż it-tliet xhur. Hija inċentiv għalihom biex jidħlu għal miżuri ta' taħriġ itwal u tippermettilhom ikopru spejjeż bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar jew l-ispejjeż tal-materjali ta' tagħlim.
 - Allokazzjoni ta' sosteniment waqt it-taħriġ u waqt miżuri ta' tiftix għal impjieg¹¹: Din l-alkokazzjoni titħallas biss għat-tul tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-taħriġ u fil-miżuri attivi ta' integrazzjoni mill-ġdid fl-istruttura tat-"tip ta' fondazzjoni". Dan jippermetti involviment full-time serju fil-miżuri minn kull ħaddiem li tilef l-impjieg. In-nefqa għal kull ħaddiem tammonta għal EUR 1 270 fix-xahar. Il-benefiċċji tal-qgħad jiġu interrotti waqt il-perjodu li jkunu qed jingħataw dawn il-benefiċċji ta' sosteniment.
23. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' tħejjija, tagħrif u reklamar kif ukoll attivitajiet ta' kontroll u l-ispejjeż tal-ġestjoni taż-żewġ korpi ta' implimentazzjoni (il-FAB u l-AGAN). L-ispejjeż tal-ġestjoni ġiet ikkalkulata bħala rata fissa u tkopri l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar kollu (EUR 5 625 fix-xahar biex jiġu koperti l-ispejjeż taż-żewġ entitajiet). Is-sħab kollha involuti fil-miżuri huma impenjati li jikkomunikaw l-appoġġ tal-FEG.
24. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Awstijaċi huma miżuri attivi għas-suq tax-xogħol fl-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Awstijaċi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 5 390 800 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta'

¹¹ Ibbażat fuq § 18 tal-Arbeitslosenversicherungsgesetz (ALVG).

EUR 215 000 (3,8 % tal-ammont totali). Il-kontribut totali mitlub mill-FEG huwa ta' EUR 3 643 770 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	Spiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (EUR)	Spejjeż totali (il-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Tagħrif u ammissjoni fl-istruttura "tat-tip ta' fondazzjoni"	502	400	200 800
Orjentazzjoni lejn xogħol	450	1 200	540 000
Għajnuna għal tiftix ta' xogħol attiv ("Aktive Arbeitssuche")	300	700	210 000
Taħriġ individwali ("Individuelle Qualifizierungen")	300	1 750	525 000
Apprendistati Korporattivi ("Betriebliche Praktika"):	50	600	30 000
Allokazzjoni tat-taħriġ jekk iktar minn tliet xhur ta' taħriġ ("Ausbildungsbedingte Zuschussleistung bei mehr als 3 Monaten Ausbildung")	450	167	75 000 (arrotondat)
Allokazzjoni ta' sosteniment waqt it-taħriġ u waqt miżuri ta' tiftix għal impjeg (erba' xhur)	150	5 080	762 000
Allokazzjoni ta' sosteniment waqt it-taħriġ u waqt miżuri ta' tiftix għal impjeg (tmien xhur)	300	10 160	3 048 000
Subtotal tas-servizzi personalizzati			5 390 800
Nefqa fuq l-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			15 000
Ġestjoni			135 000
Tagħrif u pubbliċità			20 000

Attivitajiet ta' kontroll		45 000
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG		215 000
Total tal-ispejjeż stmati		5 605 800
<i>Kontribut tal-FEG (65 % tal-ispejjeż totali)</i>		<i>3 643 770</i>

25. L-Awstrija kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Il-Programm Operazzjonali Awstrijak tal-FSE skont l-Objettiv 2 jiffoka fuq il-persuni qiegħda għal tul ta' żmien, filwaqt li l-għan tal-FEG huwa li jgħin lill-ħaddiema immedjatament wara li jkunu ħadu s-sensja. Għalhekk, iż-żewġ fondi ma jidħlux fl-ambitu ta' xulxin. Barra minn hekk, l-Awstrija daħħlet fis-seħħ proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-ispejjeż biex jiġi eskluż kull riskju ta' finanzjament doppju.

Id-data/dati meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati

26. Fl-1 ta' Frar 2011, l-Awstrija bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati u inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali

27. Is-sħab soċjali ġew infurmati bl-applikazzjoni tal-FEG ipplanat permezz tas-servizzi tal-impjieggi pubbliċi reġjonali (AMS) minn Ġunju 2010 'l quddiem. Il-Kamra tax-Xogħol Awstrijaka (Arbeiterkammer Österreich, li tirrappreżenta l-ħaddiema) u l-Kamra Ekonomika Awstrijaka (Wirtschaftskammer Österreich, li tirrappreżenta lil min iħaddem) inżammu aġġornati bl-aħħar żviluppi f'Jannar 2011.
28. L-awtoritajiet Awstrijaċi kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi. Minħabba d-daqs żgħir tal-kumpaniji tat-trasport ikkonċernati, huma biss ftit minnhom li kienu obbligati jħabbru s-sensji pplanati skont il-"Frühwarnsystem"/is-sistema ta' twissija bikrija Awstrijaka (§45a tal-Arbeitsmarktförderungsgesetz/AMFG).

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi

29. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Awstrijaċi fl-applikazzjoni tagħhom:
- urew li l-kontribut finanzjarju mill-FEG ma jiħux post il-miżuri li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
 - urew bil-provi li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;

- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

30. L-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kofinanzjament nazzjonali se jkun ipprovdut mis-servizzi tal-impjiegji pubbliċi (AMS) ta' Niederösterreich u Oberösterreich u l-Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz (il-ministeru federali).

Il-finanzjament

31. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Awstrija, il-kontribut propost mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) huwa ta' EUR 3 643 770, li jirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li ngħata mill-Awstrija.
32. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribut finanzjarju mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprijazzjonijiet, il-Kummissjoni tippromponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
33. L-ammont propost ta' kontribut finanzjarju jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
34. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex f'livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjjah laqgħa formali ta' trijalogu.
35. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2011 iddaħħal approprijazzjonijiet speċifiċi għall-impenji, kif jitlob il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas

36. Il-baġit emendatorju 3/2011 żied il-linja baġitarja tal-FEG 04.0501 b'EUR 50 000 000 f'appropriazzjonijiet għall-ħlas. Appropriazzjonijiet minn din il-linja baġitarja se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 3 643 770 meħtieġ għal din l-applikazzjoni. Ammont ta' EUR 9 009 960 jibqa' disponibbli fil-linja Baġitarja tal-FEG 04.0501 wara l-adozzjoni miż-żewġ ferġat tal-Awtorità Baġitarja tal-każijiet mibgħuta lill-Awtorità Baġitarja sa dakinhar.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni bi qbil mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2011/001 AT/Niederösterreich-Oberösterreich mill-Awstrija)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹², u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹³, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹⁴,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) L-Awstrija baġtet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji f'706 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 49 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' katusi") fir-reġjuni NUTS II ta' Niederösterreich

¹² ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

¹³ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

¹⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

(AT12) u Österreich (AT31), fit-3 ta' Jannar 2011 u ssupplimentawha b'informazzjoni addizzjonali sad-9 ta' Ġunju 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 3 643 770.

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Awstrija.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 3 643 770 f'appropriazzjonijiet ta' impenji u ta' ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [Brussell/Strasburgu],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President